**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 326/18**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Alfred Attard**

Illum, 3 ta' Settembru 2021

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat Alfred Attard, ta' tmienja u erbgħin (48) sena, iben Paul u Helen nee' Testa, imwieled Attard, nhar l-14 ta' Jannar 1970, residenti fil-fond 'Micallef and Vella Flats', 7, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar u detentur tal-karta' tal-identita' bin-numru 43970(M), akkużat talli bejn il-11 ta' Settembru 2017 u l-15 ta' Settembru 2017 f'diversi inħawi f'Għawdex;

1. Għamilha ta' gwardjan privat mingħajr ma kellu liċenzja maħruġa taħt Att dwar il-Gwardjani Privati u l-Uffiċjali tal-Komunita' u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 389;

2. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkustanzi ġab ruħu b'mod li ta fastidju jew ġab ruħu b'tali mod li kien jaf jew kien messu kien jaf li ser ikun ta' fastidju għal Dr. Kevin Mompalao LL.D. u/jew il-familja tiegħu;

Il-Qorti ġiet mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuni offiżi u cioe' ta' Dr. Kevin Mompalao LL.D. u/jew il-familja tiegħu jew għaż-żamma tal-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-imsemmi Dr. Kevin Mompalao LL.D. minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat;

Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba illi tipprovdi għall-garanzija ta' Dr. Kevin Mompalao LL.D. u/jew il-familja tiegħu skont Artikolu 412 (C) tal-Kapitolu 9 tal-Kodiċi Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' April, 2021, fejn il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Art. 4 u 25(c) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta u Art. 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat Alfred Attard hati taz-zewg imputazzjonijiet migjuba kontrih u kkundannatu sitt (6) xhur prigunerija effettiva. Finalment il-Qorti b'applikazzjoni tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat il-ħrug ta' Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Dr. Kevin Mompalao LL.D u l-familja tiegħu u ta' Hanyu Dong u dan għal żmien ħames snin mid-data tas-sentenza, b'dan illi l-imputat ma għandu bl-ebda mod javviċinahom jew ikellemhom jew jersaq viċin ir-residenzi tagħhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Alfred Attard minnu pprezentat fl-4 ta' Mejju, 2021, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha thassar id-decizjoni appellata fejn sabitu hati taz-zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u konsegwentement fis-sens illi tillibera lill-appellant jew alternattivament thassarha in kwantu kkundannat lill-imputat ghall-piena ta' prigunerija effetiva u minflok tnaqqas il-piena nflitta skond kif din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuna.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Alfred Attard huma s-segwenti u cioè:-

Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellant jikkonsisti fil-fatt illi l-esponenti ai termini tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu gie akkuzat li ta fastidu lill-Dr. Kevin Mompalao u l-familja tieghu pero mill-provi prodotti jirrizulta illi semmai il-parte civile f'dawn il-proceduri kienet Hanyu Dong.

Illi mill-provi ma jirrizultax li Dr. Mompalao inghata fastidu, u ghalkemm jista jaghti l-kaz li l-ghagir ta' l-appellant seta' jaghti lok ghall-fastidju, haga li l-appellant jikkontesta, dan xorta wahda ma kienx dirett lejn il-kwerelant u l-familja tieghu u ghalhekk l-akkuza ma tissusistix.

Illi l-appellant ma giex akkuzat li ta fastidju lill-Hanyu Dong u lanqas giet intavolata kwerela da parti taghha, imma gie akkuzat biss li ta fastidju lill-Dr. Kevin Mompalao. Illi ma hemm l-ebda prova li l-appellant ffastidja lill-parte civile jew lill-familja tieghu, u ghalhekk l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fil-fatt illi gja la darba l-akkuza kif miktuba ma gietx ppruvata, huwa kellu jigi liberat minnha.

Illi l-allegat fastidju jikkonsisti f'videos ta' Hanyu Dong u fl-ebda hin ma jidher il-parte civile fihom. Wisq anqas ma gie mitkellem il-parte civile mill-appellant. Kieku mhux ghall-fatt illi dawn il-videos gew prezentati fil-Qorti fil-proceduri ta' separazzjoni ta' Hanyu Dong, il-parte civile lanqas biss kien ikun jaf bihom. Illi ghalhekk l-aggravju jikkonsisti fil-fatt mhux talli ma kienx hemm il-course of conduct necessarju biex issir fastidju ai termini tal-ligi, talli lanqas biss kien hemm incident wiehed li jista' jammonta ghall-bidu ta' course of conduct fil-konfront tal-parte civile.

Illi in oltre l-appellant ma setghax jinsab hati illi huwa ta fastidju lill-familja ta' Dr Kevin Mompalao, ghaliex semmai dawn il-persuni kellhom jigu specifikati fl-akkuza sabiex l-akkuza tissustixxi. L-esponent ma setghax jinsab hati li ta fastidju lill-persuni effetivament injoti li lanqas biss xehdu f'dawn il-proceduri. Illi r-reati ta' fastidju rrid jigi komess kontra persuni specifici, li ghandhom ukoll jaghtu x-xhieda taghhom

bhala prova dwar ir-raguni il-ghaliex ihossuhom iffastidjati, ahseb u ara kemm seta' l-appellant jinsab hati b'semplici menzjoni ta' membri ta' familja minghajr indikazzjoni ta min huma dawn il-persuni.

Illi ghar-rigward ta' l-ewwel akkuza, jinghad illi l-appellant instab hati ta' l-Artikolu 4 tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta li jitkellem dwar r-reat ta' min iqabbad gwardjan privat mhux licenzjat u mhux bl-Artikolu 3 ta' l-istess att.

Illi ghalhekk l-appelant ghandu wkoll jigi liberat mill-ewwel akkuza ghaliex huwa car li semmai l-allegazzjoni kontra tieghu ma taqax taht il-parametri tal-Artikolu 4, stante illi huwa qatt ma qabbad persuni li jahdmu ta private investigators mhux licenzjati.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-appellant ihossu ukoll aggravat bil-piena moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti li ghalkemm taqa taht il-parametri tal-ligi, kkunsidrati c-cirkustanzi tal-kaz, specjalment li dan kien incident izolat, il-fatt li ghar-rigward tal-fastidju ma hemm l-ebda relazzjoni personali bejn il-parte civile u l-akkuzat u ghalhekk ma hemmx ir-riskju li l-fastidju ikompli wara l-oghti tas-sentenza, il-piena nflitta fl-umli opinjoni ta' l-appellant ma kelliex tkun wahda karcerarja jew ta' prigunerija effetiva.

Rat id-digriet taghha fejn stidnet lill-partijiet *ex ufficcio* sabiex iwiegbu dwar jekk is-sentenza moghtija minn l-ewwel Qorti hiex nulla jew le stante li l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha ccitat Artikolu 4 ta' Kap 389 u dan flok Artikolu 3 ta' Kap 389 li hu kien akkuzat bih.

Rat in-nota tal-appellant….

Rat in-nota tal-Avukat Generali…

Ikkunsidrat.

Jinghad illi l-appellant tressaq il-Qorti talli ghamilha ta' gwardjan privat minghajr ma kellu licenzja mahruga taht Att dwar il-Gwardjani Privati u l-Ufficjali tal-Komunita' u dan bi ksur tal-Artikolu 3 ta' Kap. 389 u talli gab ruhu b'mod li ta fastidju jew gab ruhu b'tali mod li kien jaf jew kien messu kien jaf li ser ikun ta' fastidju għal Dr. Kevin Mompalao LL.D. u/jew il-familja tiegħu u dan bi ksur tal-Artikolu 251A ta' Kap. 9. Illi ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tippronuncja ruhha fir-rigward dawn iz-zewg Artikoli tal-Ligi u cioe' Artkolu 3 ta' Kap 389 u Artikolu 251A ta' Kap. 9. Madankollu, minflok din ippronunciet ruhha fuq Artkolu 3 ta' 389, ippronunciet ruhha fuq Artikolu 4 ta' Kap 389 li jitkellem fuq l-uzu ta' servizzi ta' gwardjani lokali u li allura m'ghandux x'jaqsam ma Artikolu 3 li jitkellem fuq il-bzonn ta' agenziji ta' gwardjani privati u gwardjani privati li jkollhom licenzja.

Illi l-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

> *' Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.' (Emfazi mizjuda)*

Illi ghalhekk skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l- imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l- piena w ssemmi l-artikolu tal- Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.

Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Paul Cachia**[1]" ; "**Il-**

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Settembru 2003.

**Pulizija vs. Joseph Zahra**[2]"; "**Il-Pulizija vs Benjamin Muscat**[3]"; "**Il-Pulizija vs. Donald Cilia**[4]", "**Il-Pulizija vs. Mark Portanier**[5]"; "**Il-Pulizija vs. John Axiaq et**[6] "u ohrajn).

Illi gie ritenut ukoll li l-Qorti tista dejjem tirrileva tali nuqqas "ex officio" ( kif ghamlet din l-istess Qorti ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App.Krim. "**Il-Pulizija vs. Anthony Zahra**[7] "; "**Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi**[8] " u ohrajn).

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija (Spt. Kevin Farrugia) vs Jesmond Spiteri**[9]" annullat is-sentenza tal-Ewwel Qorti wara li kkunsidrat li:

> 'mill-ezami tas-sentenza appellata illi l- Ewwel Qorti ccitat l-Artikolu 130 tal-Kap. 10 tal- Ligijiet ta' Malta bhala l-Artikolu li suppost tahtu nstabet il-htija w dan l-Artikolu effettivament gie mhassar bl-Att XXVII tal-2001 u ghalhekk gie citat Artikolu li m' ghadux vigenti fil-Ligi w li lanqas kien vigenti meta giet kommessa l-allegata kontravvenzjoni f' Awissu 2007 u fix-xhur ta' qabel.'

Illi fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija (Spettur AP Miruzzi) vs Stefan Abela**[10]" gie kkunsidrat li:

> *' osservat mill-ezami tas-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti , minkejja lil-appellant kien qed jigi akkuzat u instab hati ta' diversi reati li jaqghu*

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta Settmbru 2002.
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminal nhar it-28 ta' Gunju 2002 u l-10 ta' Lulju 2002.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l- 24 ta April 2002.
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta Mejju 2005.
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta Frar 2006.
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta Jannar 2005.
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta Jannar 2005.
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Marzu 2008.
[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Frar, 2006.

*taht ligijiet diversi w senjatament il-Kap. 66 tal- Ligijiet ta' Malta kif ukoll taht ir-Regolamenti li jaqghu taht l- Avviz Legali 146/1993, meta giet biex ticcita l-artikoli tal-ligi li jkunu jikkontemplaw r-reati li taghhom l- appellant kien instab hati, ndikat biss b' mod generiku dan l-Avviz Legali u f' kaz wiehed biss indikat regolament (mhux artikolu kif intqal erronjament fissentenza) partikolari tal-istess regolamenti kontenuti fl-imsemmi Avviz Legali.'*

Illi inoltre fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani**[11]' gie kkunsidrat li:

*'Hawn pero' din il-Qorti tirrileva li b' lapsus evidenti, l- Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, meta kienet qed telenka l-artikoli li tahthom sabet htija, ghamlet riferenza ghall-artikolu 288 (B), li ma jezistix fil-Kodici Kriminali, minnflok ghall-artikolu 298B li kien gie indikat lilha fic- citazzjoni mill-Prosekuzzjoni.*

*Dan l-izball jirrendi s-sentenza nulla ghall-inqas f' din il-parti taghha ghaliex, kif dejjem gie ritenut skond l- artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal- Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r- reat; (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Daniel Lanzon u ohrajn**[12]) (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza kif citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)'*

Illi l-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'** ikkunsidrat ukoll:

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 t' Awwissu, 2006.

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 t' Ottubru, 2005.

*'Illi gie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal- ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara "**Il-Pulizija vs. Mario Agius u ohrajn**) (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)*

Illi l-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. J. Mifsud) (Spt. A. Portelli) vs Christopher Scerri**[13]' ikkunsidrat:

*'Illi jikkoncedi x' jikkoncedi l-appellant dwar l-izball li ttiehed mill-Ewwel Qorti meta giet biex ticcita l-artikolu tal-ligi li tahtu kienet qed issib htija, huwa fatt li l-Ewwel Qorti erronjament iccitat artikolu ta' Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta hazin ghax minnflok iccitat il-Kapitolu 9, cioe' l-Kodici Kriminali, ccitat il-Kapitolu 12 u cioe' l-Kodici tal-Organizzazzjoni w Procedura Civili.*

Illi f'dan il-kaz, kif diga gie ritenut *supra*, L-Ewwel Qorti minflok ippronunciet ruhha fuq Artkolu 3 ta' Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta li l-appellant kien akkuzat bih, ippronunciet ruhha fuq Artikolu 4 ta' Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi pero' dan ma jwassalx ghall annullament tal-procedura kollha li saret quddiem l-Ewwel Qorti izda n-nullita' hija limitata biss ghas-sentenza u kull parti ohra precedenti tal-proceduri kontra l-appellant tibqa' bla mittiefsa w ghalhekk kull ma jrid isir hu li l-Ewwel Qorti terga tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-artikolu 382 u xejn aktar u konsegwentement l-appellant irid jitpogga mil-gdid fil-pozizzjoni li kien immedjetament qabel ma giet ippronunzjata s-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant limitatament u tannulla s-sentenza appellata w, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Novembru, 2007 (Appell Kriminali numru: 322/2007).

*"doppio esame"*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerga' jitpogga fil-pozizzjoni li kien immedjetament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata w biex terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef